# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Christina Delia]**
**vs**
**Ryan Barry**

**Kumpilazzjoni Numru: 224/19**

**Illum, 20 ta' Gunju, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza migjuba kontra Ryan Barry detentur tal-karta tal-identita` numru 379795M akkuzat talli nhar it-tmienja (8) ta' Settembru 2018 ghall-habta ta' bejn 16:00Hrs u 17:00Hrs gewwa triq Santa Lucija, Naxxar:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi

fuq il-persuna ta' Joseph Barbara skond kif iccertifika Dr Diksha Amarnani registration number 5920 ta' l-Isptar Mater Dei.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

a. Fl-artikolu 214 u 216 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza, hekk kif xehdet **l-Ispettur Christina Delia**, titratta fuq allegat argument li nqala' gewwa Victory Band Club fin-Naxxar waqt il-festa tal-lokal fejn meta marru l-pulizija fuq il-post innutaw illi kien hemm kaos shih fejn hafna nies bdew hergin mill-klabb inkwistjoni. Tghid illi l-pulizija nnutaw li kien hemm persuna midruba li rrizulta li kien Joseph Barbara fejn dan kellu xi griehi f'wiccu. Dan qalilhom illi l-persuna li kienet taghtu daqqa kien liebes flokk orangjo u kien qasir. Din tghid illi l-pulizija ntebhu li dan kien l-imputat. Izda meta Joseph Barbara mar l-ghassa wara li kien mar jigi mmedikat l-isptar, dan jghid illi ma kienx jaf ezattament x'gara. Dan qalilhom illi kien il-kazin izarma l-kaxxa tal-bziezaq fejn dahal wiehed li qisu kien mar ghas-sudisfazzjon u beda jxejjer idejh u hemmhekk laqtu f'wiccu. Jghid ukoll illi beda jhoss daqqiet fuq in-naha ta' wara ta' rasu izda ma kienx jaf min kien qed itih id-daqqiet.

Gie pprezentat certifikat mediku ta' Joseph Barbara li juri li kien sofra griehi gravi (Dok. CD5).

**WPS158 Gillian Henwood** ikkonfermat ir-rapport tal-incident (Dok CD3) u l-istqarrija tal-imputat (Dok CD4). Hija tghid illi l-vittma Joseph Barbara kien gharaf lill-imputat bhala dik il-persuna li kien tah id-daqqa u anke meta marret fuq il-post tal-incident, xi nies bdew jghidu illi kien fil-fatt hu.

Xehed il-vittma **Joseph Barbara** fejn dan jghid illi dak inhar tal-incident kienet il-festa tan-Naxxar u saret glieda. Dan jghid illi persuna li giet aggredita ried jerga' jidhol gewwa l-kazin u xhin dan qallu biex jitlaq id-dar ghaliex kien ghadda kollox, dan xejjirlu daqqa ta' ponn f'wiccu u offendih. Jghid illi fil-pront xi hadd minn warajh tah daqqiet f'rasu u storda. Ix-xhud gharaf lill-imputat li kien tah din id-daqqa f'wiccu u jghid illi ma kienx jafu personalment.

Xehdet ukoll **Jade Schembri** fejn tghid illi kienet ma' Barbara jzarmaw wara l-festa u tghid:

> *"Gewwa kien hemm glieda fil-kazin imbaghad min kien iggieled hareg il-barra. Kien ha jerga jidhol u*

*l-gharus tieghi, (J)oseph, qallu speci ta "mhux ahjar ma tergax tidhol? Hekk hu hekk xorta kwazi spicca kollox". Offendih lura dak il-persuna lill gharus tieghi, u l-gharus tieghi qallu xi haga lura, jien kont qeghda fin-nofs u f'hin minnhom rajtu gej ghalina. Pruvajt inferridhom, ovjament mhux ha jirnexxili, Joseph waddabni il-barra biex speci ta ma nweggax. Jien pruvajt nerga immur inwaqqafhom, ovvjament mhux ha jirnexxili, shabi bigduni l-boghod, u f'hin minnhom dort u rajt lill-Joseph mal-art b'wiccu bid-demm. Hallewni u mort nara x'garalu, u kellu imniehru wieghed jibblidja, dawwartu recovery position u zammejtlu imniehru. Cempilna l-ambulanza u morna l-emergenza. Ghamlulu CT scan u raw li ghandu l-ksur fi mniehru, imbaghad ghamluwlu l-punti, kellna l-outpatients appointments biex jaraw li kollox sew, u s'issa l-imnieher qieghed aligned."*

Hija gharfet lill-imputat bhala dik il-persuna li kien rega' dahal fil-kazin.

Xehed bhala xhud in difeza **<u>Jeffrey Gatt</u>** li kien fuq il-post dakinhar tal-incident u jghid illi hu kien gewwa l-kazin fuq in-naha ta' gewwa. Jghid illi gie wiehed jghidlu li kienu qed

jiggieldu mbaghad x'hin hareg barra jara lill-imputat mal-art u corma nies madwaru jtuh. Dan jghid illi kien hemm madwar seba' (7) guvintur madwaru u tnejn (2) minnhom ituh. Jghid illi mar iferraq u jigbor lil Ryan mill-art.

**Darren Suffrate** kien xhud iehor li kien prezenti dakinhar tal-incident fejn jghid illi kien gewwa ma' Jeffrey u hargu barra u raw lil Ryan mal-art u qaqocca nies madwaru u kienu qeghdin ituh.

Xhud iehor u cioe' **Damien Zammit** xehed illi kien barra ma' Ryan u dan tal-ahhar beda jiccajta mieghu bhal dejjem u hadlu n-nuccali. Dan jghid illi gie bniedem fuqhom li ma kinux jafuh u beda jkellem hazin lil Ryan u joffendih. Jghid illi dan beda jsir aggressiv u qabad jaghti lil Ryan, imbaghad gew madwaru aktar nies.

Finalment xehed l-imputat **Ryan Barry** li kkonferma li kien barra ma' Damien u li beda jiccajta mieghu u li hadlu n-nuccali biex jiccajta. Jghid illi gie persuna fuqu li kien xurban u beda joffendih u jkellmu hazin. Beda jghidlu *"ghalfejn hadtlu n-nuccali?"*. Dan beda jsir aktar aggressiv u minn wara l-imputat hass daqqa kbira fuq ghonqu. Fix-xhieda tieghu fuq domandi tal-avukat difensur, l-imputat qisu kien qed jalludi illi din il-persuna kienet il-parte civile

izda ma hargitx cara mill-istess xhieda tieghu. Finalment l-imputat jikkonferma li daruh corma nies u li huwa kien kokka jipprova jzomm milli jigi msawwat sakemm ma ferquhom. Jghid illi kien sofra xi griehi hfief u li kien ta' xi certifikati lill-pulizija izda sa hemmhekk wasal.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi semghet li l-partijiet ma kellhomx trattazzjoni x'jaghmlu;

Illi l-Qorti tinnota li nghataw zewg verzjonijiet kemxejn differenti minn xulxin tal-incident. Min-naha 'l wahda l-verzjoni tal-parte civile li dan jghid illi ghal xejn b'xejn gie aggredit mill-imputat li ma kienx jafu u qatt ma kien rah. Min-naha 'l ohra hemm il-verzjoni tal-imputat u ta' diversi xhieda li kkorroboraw illi kien l-imputat li kien gie aggredit u mhux vice versa.

Illi din il-Qorti setghet tezamina attentament ix-xhieda tal-parte civile kif ukoll tal-imputat u tikkonstata illi minghajr ombra ta' dubju l-verzjoni tal-imputat hija l-aktar veritjiera tenut kont illi dak li qal il-parte civile ma jaghmilx sens illi l-imputat rega' dahal fil-kazin u aggredih meta dawn qatt ma kienu raw lil xulxin qabel. Din il-Qorti thoss li l-verzjoni

tal-parte civile Joseph Barbara hija mankanti minn certu elementi u li ghalhekk il veru kwadru ta' kif graw verament l-affarijiet waqt l-incident ma ntweriex fl-intier tieghu.

Illi konfrontata b'dawn il-verzjonijiet konfliggenti, f'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn intqal li:

> *" . . . jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor."*

L-istess insenjament gie espress mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012 fejn intqal hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Il-Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet li "... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx."*

Illi fil-kaz odjern il-Qorti evalwat dan il-kuntrast qawwi fil-provi u ma tistax tkun konvinta oltre' kull dubju ragjonevoli illi kien propju l-imputat li beda l-argument u li kkawza griehi lill-parte civile Joseph Barbara. Inoltre', l-uniku xhud iehor li ttellghet mill-prosekuzzjoni u cioe' l-gharusa tal-parte civile Jade Schembri ma ratx kif skatta l-argument u ghalhekk ma setghetx taghti dawl fuq kif graw verament l-affarijiet. Ghaldaqstant din il-Qorti thoss illi stante illi l-verzjoni tal-imputat kienet aktar ikkorroborata

minn xhieda indipendenti mentri dik tal-parte civile ma kinitx, ma tistax tqis li l-kaz tal-prosekuzzjoni gie ppruvat sufficjentement.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Ryan Barry** hati tal-akkuz kif dedotta kontrih stante li ma gietx ippruvata oltre' d-dubju dettat mil-ligi.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**